MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Rikors Numru. 40/2008

**Andrew u Lorena konjugi Vella, u Olympia Borg u zewgha Michael ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

1. **Kummissarju ta' l-Art**
2. **Segretarju Parlamentari Erarji Pubblici u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**
3. **Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**
4. **Ministru Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**
5. **Ministru ghal Ghawdex**
6. **L-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ressqu r-rikorrenti fit-23 ta' Lulju, 2008, li jaqra hekk:

Illi permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-Qorti fuq imsemmija fl-1 ta' April 2004 fl-ismijiet premessi l-esponenti flmkien ma' ohrajn ppremettew is-segwenti:-

Illi in forza ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutara Mariosa Grech tal-hmistax (15) ta' Dicembru 2003, l-atturi Andrew u Lorena konjugi Vella akkwistaw, inter alia, porzjoni diviza minn bicca raba' msejha "Ta' Troppu" li qieghda fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u wiehed punt disgha metri kwadri (201.9 mk) u tmiss min-nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, mit-Tramuntana ma' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri u mil-Lvant ma' beni ta' Peter Vella, kif ahjar kulurita blue fuq il-pjanta mmarkata Dokumenti "D" fuq l-istess kuntratt, liema kuntratt qieghed jigi mmarkat bhala Dok "A".

Illi in forza tal-istess kuntratt, l-atturi, Michael u Olympia konjugi Borg akkwistaw, inter alia, porzjoni diviza minn bicca raba msejha ukoll "Ta' Troppu", li qieghda fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, li hija tal-kejl ta' cirka mija u tmienja u ghoxrin punt decimali tlieta metri kwadri (128.3mk) u tmiss min-nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, mit-Tramuntana ma' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri u mil-Lvant ma' beni ta' Peter Vella, kif ahjar kulurita bil-kulur blue fuq il-pjanta mmarkata bhala Dokument D fuq l-istess kuntratt hawn fuq citat.

Illi l-Kummissarju tal-Art huwa llum proprjetarju tal-porzjoni raba mill-istess territorju li hija tal-kejl ta' cirka tlett mija u hamsa u erbghin metri kwadri (345mk) u konfinanti mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Majjistral ma' proprjeta' tal-Kurja tal-Isqof jew l-aventi kawza taghhom fit-titolu, akkwistata mill-Gvern ta' Malta in forza ta' ordni ta' esproprjazzjoni li kienet giet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 443 tad-19 ta' Gunju, 1991.

Illi l-istess Gvern ta' Malta minflok ma zamm l-iskop ghaliex saret l-ordni tal-esproprjazzjoni u cioe' ghal skopijiet pubblici minhabba twessiegh tat-triq, qabad u

biddel l-uzu taghha ghal wiehed ta’ belvedere bir-rizultat li fil-kostruzzjoni tal-istess belvedere giet uzurpata l-hxuna tal-istess hajt divizorju tas-sejjieh u inbnew pilastri u sejrin isiru anke railings tal-hadid bil-lamp posts fuqhom.

Illi a tenur tal-artikolu 434 tal-Kodici Civili, l-atturi ghandhom kull jedd illi jibnu hajt fuq il-linja tal-konfini tal-fond taghhom sabiex l-istess fond jigi hekk delineat mill-art tal-konvenut Kummissarju tal-Art, akkwistat in forza ta’ ordni ta’ esproprjazzjoni datata dsatax (19) ta’ Gunju 1991 (L.D. 116A/84), kif fuq inghad sabiex b’hekk tigi segregata l-proprjeta’ tal-atturi minn dik tal-intimat nomine, salv ukoll kull dritt tal-atturi, a tenur tal-artikolu 420 tal-Kodici Civili, li ggieghel lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet bhala l-gar li johrog is-sehem mill-ispejjez tal-bini tal-istess hajt sal-gholi stabbilit fl-artikolu 408 tal-Kodici Civili, billi jittiehed qies tax-xorta u ta’ l-invell tal-fond ta’ l-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet.

Illi l-Kummissarju tal-Art, ghalkemm gie interpellat ghall-istess fini, dana baqa’ inadempjenti.

Illi sussegwentement l-esponenti, bhala l-atturi fil-kawza fuq imsemmija, kienu talbu lill-Onorabbli Qorti tghid ghaliex ma kellhiex:-

“(1) Tiddikjara illi l-atturi ghandhom kull jedd illi jibnu hajt fuq il-linja tal-konfini tal-fond taghhom sabiex l-istess fond jigi hekk delinejat u segregat mill-art tal-konvenut, Kummissarju tal-Art;

(2) Konsegwentement tawtorizza lill-atturi jibnu huma l-istess hajt divizorju fuq il-linja tal-konfini u sal-gholi rikjest mil-ligi biex b’hekk tigi segregata l-proprjeta’ tal-atturi minn dak tal-konvenut nomine, u dan okkorrendo bin-nomina ta’ perit arkitett li jigi nominat ghall-istess fini salv ukoll kull dritt tal-atturi, a tenur tal-artikolu 420 tal-Kodici Civili, li ggieghel lilek nomine bhala l-gar li tohrog is-sehem mill-ispejjez tal-bini tal-istess hajt sal-gholi stabbilit fl-artikolu 408 tal-Kodici Civili, billi jittiehed qies tax-xorta u ta’ l-invell tal-fond tieghek nomine.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-ghoxrin (20) ta’ Dicembru 2003 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek”.

Illi l-Kummissarju ta’ l-Art f’dik il-kawza, ghalkemm debitament notifikat, baqa’ kontumaci u l-Qorti ghaddiet biex tat is-sentenza taghha fil-25 ta’ Gunju 2004 u laqghet it-talbiet ta’ l-esponenti.

Illi ai fini tal-esekuzzjoni tas-sentenza gie mahtur il-Perit Valerio Schembri sabiex jissorvelja x-xoghlijiet kollha li kellhom isiru ai fini tal-istess ezekuzzjoni.

Illi minn dakinhar sal-lum, il-Kummissarju tal-Art (li kien baqa’ kontumaci u sahansitra anke sussegwentement ghall-imsemmija sentenza naqas li jwiegeb ghal uhud mir-rikorsi maghmula mill-esponenti li kienu parti fil-kawza), u kif ukoll il-Kunsill Lokali tan-Nadur, ghamlu dak kollu possibbli bi proceduri, li kollha gew kombattuti, sabiex jostakolaw u jfixklu l-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni.

Illi s-sentenza appena msemmija kienet ghalhekk gia’ bdiet tigi esegwita, tant li tnehha parti mill-komunikazzjoni tad-dawl, u kienet ser tkompli tigi esegwita fil-5 ta’ April 2008, u dan kif notifikati l-partijiet kollha mill-Perit Valerio Schembri.

Illi fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 18,221 tat-3 ta’ April 2008 bin-notifikazzjoni numru 284 intitolata “Agent Prim Ministru”, il-President ta’ Malta ordna lill-Onor. Giovanna Debono sabiex tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta’ Prim Ministru b’sehh mit-3 ta’ April 2008.

Illi incidentalment, fl-istess Gazzetta b’notifikazzjoni numru 285, l-art soggetta ghad-decizjoni fuq imsemmija, flimkien ma’ bicca proprjeta’ ohra konfinanti maghha li hija proprjeta’ ta’ l-esponenti, u cioe’ tal-kejl ta’ mija u tnax (112)-il metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma’ proprjeta’ tal-Gvern Civili, mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ Peter Vella u ohrajn, u min-Nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Andrew Vella, giet iddikjarata li hija mehtiega mill-Gvern

ghal skop pubbliku, u allura giet akkwistata bis-sahha tal-istess pubblikazzjoni b'xiri assolut u dan versu l-kumpens ta' 23,300 Ewro.

Illi l-esponenti diga' ddikjaraw permezz ta' protest gudizzjarju prezentat fl-ismijiet premessi li huma m'ghandhom l-ebda hsieb li jaccettaw xi xorta ta' hlas jew kumpens peress li huma fermi li jzommu mad-drittijiet taghhom li din l-art tibqa' proprjeta' assoluta taghhom u difatti ddikjaraw ukoll li kienu se jipprocedu bil-proceduri odjerni.

Illi jidher car li l-akkwist ta' dina l-proprjeta' sar biex jigu newtralizzati l-effetti tas-sentenza fuq imsemmija u dan wara snin li l-esponenti ghamlu dak kollu possibbli biex jesegwixxu s-sentenza in kwistjoni, u li meta l-Awtoritajiet raw li kull ostaklu li ghamlu sabiex din tigi frustrata sfuma fix-xejn, irrikorrew ghall-procedura tal-akkwist pubbliku.

Illi fil-verita', kif se jirrizulta fit-trattazzjoni, l-interess ma kienx daqstant pubbliku imma kien wiehed privat ta' terzi li sahansitra huma midhla sew politikament ta' min ghandu s-setgha li jiddeciedi f'Ghawdex u li ma ridux li l-esponenti jereggu hajt ta' konfini bejn l-art taghhom u dik pubblika u dan kif gie deciz fis-sentenza fuq imsemmija.

Illi l-agir ta' l-intimati jew min minnhom huwa intiz li jikser id-dritt tas-smiegh xieraq peress li qieghed icahhad lill-esponenti minn dak li akkwistaw gudizzjarjament u skond il-ligi, u dan bi ksur car anke tal-principji ta' gustizzja naturali, peress li bl-agir taghhom qed igibu fix-xejn iz-zewg kmandamenti kardinali ta' l-*audi alteram partem* u anke *nemo iudex in causa propria* u allura dan ifisser li qed jigu lezi d-drittijiet fundamentali ta' l-istess esponenti, u dan ghaliex l-ezekuttiv qieghed b'ghemilu juzurpa l-poteri tat-tribunali ordinarji tal-pajjiz, bi ksur ta' l-Artikoli 39 u 6 rispettivament tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi aktar minn hekk, dan huwa abbuz car ta' poter, peress li bl-agir taghhom l-istess awtoritajiet qeghdin jiksru

manifestament id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponenti, ghall-protezzjoni u t-tgawdija tal-proprjeta’ privata kif imharsa mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Illi fl-ahhar nett, l-istess agir ta’ l-intimati jew min minnhom huwa diskriminatorju fis-sens ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u dan ghar-ragunijiet kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, li whud minnhom diga’ jinsabu esposti fl-istess premessi tieghu.

Talbu l-esponenti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-agir ta’ l-intimati jew min minnhom qieghed jilledilhom id-drittijiet kif imharsa u allura bi ksur ta’ l-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 6, 14, u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; u

Sabiex tassigura li dawn id-drittijiet ma jibqghux jigu hekk miksura u jigu salvagwardati l-interessi ta’ l-esponenti, taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, inkluza dik izda mhux biss li t-tehid ta’ l-art kif fuq inghad, m’ghandu jkollu ebda effett fil-ligi u li l-art in kwistjoni ghandha tibqa’ proprjeta’ ta’ l-istess esponenti.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

Ma jezisti ebda Ministru Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment. Jezisti biss il-Ministru tal-Finanzi innifsu, li postu lanqas ma hu f’din il-kawza ghar-raguni esposta taht.

Is-Segretarju Parlamentari Erarji Pubblici u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, il-Ministru ghal Ghawdex u l-Avukat

Generali ma kellhomx ghalfejn jiddahhlu f'din il-kawza stante li l-azzjonijiet li minnhom qed jilmentaw ir-rikorrenti twettqu kollha mill-Kummissarju ta' l-Art. Dan stante li skond l-artikolu 181B(1), "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".

Fl-ewwel lok, din il-Qorti hija mistiedna tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors stante illi l-qofol tal-kwistjoni jidher car li huwa l-esproprju li sehh f'April 2008. Infatti, dan ir-rikors huwa essenzjalment intiz sabiex jattakka u jgib ir-revoka ta' tali esproprju. Dan seta' u ghadu jista' jsir permezz ta' kawza fil-Qrati ordinarji a bazi ta' l-artikolu 469A li jippermetti sindakar ta' atti ezekuttivi kull fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta' abbuz ta' poter u ksur tal-ligi fost ragunijiet ohrajn. Ir-rikorrenti ghadhom fil-hin biex iressqu tali kawza, li fil-prattika tista' tindirizza l-ilmenti taghhom.

Ghar-rigward ta' l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors odjern, ma jissussisti ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, stante illi r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom access ghall-Qrati tal-pajjiz u hemmhekk jigu osservati z-zewg principji minnhom imsemmija. L-ezekuttiv tal-pajjiz ma jindahalx lill-Qrati fid-decizjonijiet taghhom. Il-fatt li l-Istat jista' jesproprja l-art jiskaturixxi minn ligi apposta mghoddija mill-Parlament b'mod demokratiku li minnha jibbenefika l-poplu in generali.

Anki f'dan il-kaz huwa l-poplu li ibbenifika. Ir-rikorrenti kien biss mohhom biex ihassru belvedere pubbliku billi mhux itellghu hajt ta' konfini kif suppost izda jtellghuh b'mod li jkisser l-istess Belvedere u jghattih kompletament. Jidher car li l-interess tar-rikorrenti huwa wiehed ta' pika bla sens ma' l-awtoritajiet, forsi ghax dahhlu f'rashom li b'xi mod saritilhom vendikazzjoni ghax il-Belvedere inbniet fuq bicca mill-art taghhom. Dan meta mawra sa l-inhawi tindika li jekk fin-Nadur jezistu postijiet strategici fejn jaghmel sens li tibni belvedere, dan certament li wiehed minnhom.

Lanqas ma jissussisti xi ksur ta’ l-Ewwel Protokoll, stante illi huwa rikonoxxut taht il-Konvenzjoni Ewropea u anke skond il- gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku, u li ghalhekk kull Stat ghandu dritt jakkwista art ghal dan l-iskop. Dan huwa kaz li jaqa’ pjenament f-sitwazzjonijiet bhal dawk.

Finalment ma jissussisti ebda ksur ta’ l-Artikolu 14 stante li ma saret ebda diskriminazzjoni mar-rikorrenti fit-tehid tal-proprjeta’ taghhom b’esproprjazzjoni. Ir-rikorrenti misterjozament ihallu din l-allegazzjoni tperper fl-arja u jweghdu li jizvelaw aktar waqt it-trattazzjoni. L-esponenti jidhrilhom li kien certament ikun xieraq, jekk mhux anke mehtieg, li jigi rispettat l-artikolu 3 tar-Regola dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti, li jipprovdi illi rikors kostituzzjonali “ghandu jkun fih, b’mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment ...”.

Stante z-zmien qasir ghad-dispozizzjoni tieghu, l-esponenti jirriservaw li jirrispondu b’mod aktar ezawdjenti jekk ikun il-kaz.

**<u>Fatti.</u>**

Il-Gvern ta’ Malta zamm ma’ l-ghan ta’ skop pubbliku li ghalih esproprija l-art fl-1991, stante illi l-bini ta’ ‘belvedere’ ghal-lokalita’ tan-Nadur huwa skop indubitament pubbliku.

Il-Gvern ma uzurpa ebda parti mill-art tar-rikorrenti stante li l-Kummissarju ta’ l-Art kien u ghadu jikkontendi li l-hajt li kien jifred l-art tal-Gvern minn dik tar-rikorrenti m’huwiex *dividing wall* izda *retaining wall*, u ghalhekk jinsab mibni kompletament fuq art tal-Gvern.

Jekk ir-rikorrenti riedu jibnu hajt fuq il-linja ta’ konfini taghhom, dan ghandhom kull dritt jaghmluh; pero’, iridu jibnuh imiss ma u mhux fuq parti mill-hajt ta’ l-esponenti, stante l-fatt li kif intqal dan il-hajt huwa retaining wall.

Fil-kawza li kienu pprezentaw fl-1 ta' April 2004, ir-rikorrenti kienu ghamlu zball kardinali fis-sens li naqsu jitolbu lill-Qorti illi tistabbilixxi l-linja ta' konfini bejn l-artijiet rispettivi, u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti spiccat biex fil-prattika ma kinitx inforzabbli.

Kien ghalhekk li kellhom jitqabbdu l-ewwel il-Perit Mizzi li rrifjuta l-inkarigu u mbaghad il-Perit Valerio Schembri li naturalment kellu ukoll jistabbilixxi l-konfini. Kien ghalhekk li l-Qorti ppermettiet li l-Kummissarju ta' l-art jippartecipa ukoll fil-proceduri minkejja l-kontumacja, peress illi din is-sitwazzjoni kienu gabuha fuqhom l-atturi bit-talbiet imprecizi taghhom.

Eventwalment, wara li nghatat decizjoni li l-Kummissarju ta' l-Art ma qabilx maghha, l-esponent Kummissarju ddecieda li fl-interess pubbliku jinhtieg li jerga' jesproprja bicca art ohra sabiex l-integrita' tal-belvedere pubbliku tkun hekk imharsa.

Fil-frattemp, il-Kummissarju ta' l-Art nieda mandat t'inibizzjoni sabiex izomm lir-rikorrenti milli jaghmlu hsara lill-proprjeta' pubblika, bl-implikazzjonijiet kriminali li dan kien igib mieghu. Dan il-mandat gie segwit b'kawza, Cit. Nru. 46/2008 AE, sabiex jigi attakkat id-digriet tal-Qorti li injora l-ordni ta' esproprijazzjoni u halla lir-rikorrenti jtellghu l-hajt ta' konfini kif jidhrilhom, kif ukoll id-digrieti precedenti li mxew fuq l-istess linja.

Hija ghal kollox allegazzjoni jew ahjar insinwazzjoni bla bazi illi l-Ministru ghal Ghawdex interferixxiet personalment sabiex tittiehed l-art. Il-fatt li l-esproprijazzjoni msemmija giet imhabbra fl-istess edizzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern li habbret it-tehid temporanju tad-dmirijiet Prim Ministerjali mill-Onor. Ministru Debono kien purament koincidenza.

L-esponent Kummissarju ta' l-art offra l-kumpens xieraq lir-rikorrenti, u jekk dawn ma jridux jaccettawh, ir-raguni mhix ghajr li jridu jibqghu jinsistu fuq pretensjoni ta' ragun li huma m'ghandhomx.

Il-fatt jekk l-esproprijazzjoni saretx jew le biex tinnewtralizza s-sentenza tal-Qorti huwa irrilevanti. Il-Gvern dejjem u f'kull hin ghandu dritt jesproprja art fl-interess pubbliku.

L-allegazzjoni ta' interess privat u politiku huwa ghal kollox bla bazi, u r-rikorrenti qed jippruvaw joholqu din il-messa in xena sabiex jagevolaw il-kaz taghhom.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-affidavits li pprezentaw ir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet u ezaminat ukoll in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti fil-qosor, li waslu ghal din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti jipposjedu b'mod diviz u separat porzjoni art msejha "Ta' Troppu" li qieghda fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex. Fl-1991, il-Gvern esproprja bicca art adjacenti ghal skop pubbliku u giet zviluppata f'belvedere li giet tmiss mal-proprjeta' tar-rikorrenti li kienet f'livell aktar baxx.

Meta zviluppa dan il-belvedere, il-Gvern waqqa' l-hajt tas-sejjieh li kien jiddividi l-art li akkwista u l-proprjeta' tar-rikorrenti, ghamel railings tal-hadid biex ma tigix ostakolata l-veduta u l-iskop tal-belvedere. Ir-rikorrenti, fit-termini tal-artikolu 434 tal-Kodici Civili, fethu kawza kontra l-Kummissarju tal-Art quddiem il-Qorti t'Ghawdex, fejn talbu li jittella' hajt li jiddividi l-proprjeta' taghhom ma' dik tal-Gvern (Citazzjoni Numru 32/04).

Gara li l-konvenut Kummissarju tal-Art waqa’ kontumaci f’dik il-kawza u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, b’sentenza moghtija fil-25 ta’ Gunju, 2004, laqghet it-talbiet tal-atturi u awtorizzat il-bini tal-hajt divizorju.

Meta beda jsir ix-xoghol ta’ bini tal-hajt, jidher li xi uhud mir-residenti oggezzjonaw li l-hajt kien se jwassal li jtellef il-veduta li kien l-iskop li ghalih saret il-belvedere, specjalment wara li gie carat mill-istess Qorti t’Ghawdex li l-gholi tieghu ‘l fuq mill-wicc tal-belvedere, ghandu jkun ta’ metru u nofs. Inqala’ dizgwid kbir bejn il-parijiet dwar fejn u kif kellu jitla’ l-hajt, u x’kellu jsir mill-“sreet furniture” li kien pogga fuq il-belvedere il-Gvern ghad-dgawdija mill-pubbliku.

Wara li l-Qorti t’Ghawdex, eventwalment, ikkonfermat kif u fejn kellu jsir il-hajt, u kien se jibda x-xoghol relattiv, il-Kummissarju tal-Artijiet ipprova jwaqqaf ix-xoghol b’talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (numru 30/08) u dana peress li l-Gvern kien iddecieda li jesproprja parti mill-art tar-rikorrenti u precizament dik li tmiss mal-belvedere; it-talba ghall-hrug ta’ dan il-mandat giet michuda b’digriet tal-15 ta’ Mejju 2008, u dana wara li r-rikorrenti prezenti (intimati fil-proceduri ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni) ghamlu dikjarazzjoni espressa li ma kinux ser ikomplu bl-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm ikun hemm decizjoni finali mill-Qorti kompetenti dwar il-validita’ o meno tal-esproprju li sar; il-Qorti osservat ukoll, li l-istess intimati ma setghu jaghmlu xejn fl-art esproprijata peress illi fit-termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, dik l-art saret proprjeta’ assoluta tal-Gvern ta’ Malta.

Ir-rikorrenti ressqu dawn il-proceduri proprju biex jittentaw iwaqqghu l-esproprju li sar mill-Gvern ta’ parti mill-proprjeta’ taghhom. Ir-rikorrenti qed jikkontestaw l-esproprju peress li jsostnu li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ta’ smigh xieraq, ta’ dgawdija tal-proprjeta’/possedimenti taghhom, u d-dritt li ma jsir xejn diskriminatorju fil-konfront taghhom.

Trattat, issa, l-kaz din il-Qorti tibda biex tosserva li:

Id-dritt ta' proprjeta' huwa dritt rikonoxxut mil-ligi domestika, u jitqies dritt li jikkomprendi l-*ius utendi*, *ius fruendi* u *ius abutendi*. Dan id-dritt, pero' qatt ma kien koncepit f'termini assoluti u fost il-limitazzjonijiet li nsibu fil-Kodici Civili hemm l-artikolu 321 li jiddisponi li,

*"Hadd ma jista' jigi mgieghel jitlaq minn idejh il-proprjeta' tieghu jew ihalli li haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku u bil-hlas ta' indenizz gust".*

Minn dan isegwi li l-proprjetarju m'ghandux dritt izomm milli tittehidlu l-proprjeta', sakemm dan it-tehid isir ghal skop pubbliku u versu kumpens gust. Id-drittijiet li l-ligi domestika taghti lill-proprjetarju huma dawk li jikkontesta l-iskop tat-tehid tal-proprjeta' tieghu u jesigi kumpens gust. M'ghandu ebda dritt li jikkontesta t-tehid ta' proprjeta' *ut sic*. Il-poter amministrattiv tal-Gvern li jiehu taht idejh proprjeta' privata hija indiskussa u insindikabbli; dak li jista' jigi kuntestat huwa l-mod kif jagixxi u r-raguni ghala ittiehdet art partikolari u l-kumpens offrut. Da hu rifless ukoll fl-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jiddisponi li hadd m'ghandu jigi mcahhad mill-proprjeta' tieghu jekk mhux versu kumpens xieraq determinabbli minn Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi, u fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea li jghid li,

*"Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku....."*

Dak li ghandu dritt jikkontesta l-proprjetarju huwa l-iskop pubbliku tat-tehid tal-pussess, izda mhux id-dritt insitu fil-Gvern li jesproprja proprjeta' fl-interess pubbliku. Id-dritt tac-cittadin interessat li jikkontesta l-iskop tal-esproprijazzjoni jinsab determinat f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna (fosthom "Vella vs Direttur tad-Djar" deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar, 1994, u "Bezzina Wettinger vs Kummissarju ta' l-Artijiet et", deciza mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru, 2003, u diversi kawzi ohra li gew decizi fil-perjodu bejn dawn iz-zewg sentenzi), izda dritt biex dak li jkun

jikkontesta d-dritt tal-Gvern li jesproprja art ma jezistix u ma jistax jigi kontemplat, peress li dan id-dritt huwa insitu fl-Awtorita' tal-Gvern. Kif inghad, huwa l-ezercizzju ta' dak id-dritt li jista', fil-kaz partikolari, jkun *challenged*, u mhux id-dritt innifsu. Kif jghidu l-awturi Jacobs & White fil-ktieb "European Convention on Human Rights" (3rd. Edition, page 153).

*"The right to bring a claim to court applies only in respect of rights provided for by the domestic law; it is not possible through Article 6 (1) to challenge the substantive content of domestic law"* (enfasi ta' l-awturi).

Il-ligi domestika ta' pajjizna ma taghtix id-dritt lill-proprjetarju jikkontesta t-tehid tal-proprjeta' mill-Gvern, dment li jezistu certi kundizzjonijiet; fil-fatt id-dritt tal-proprjetarju huwa limitat biss biex jikkontesta l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet. Minn dan isegwi li, taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma hemmx dritt ta' smigh marbut mad-dritt *ut sic* tal-Gvern li jesproprja art ta' terzi.

Id-dritt tac-cittadin ghal smigh xieraq jezisti meta tkun kwistjoni dwar determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu, mentri fil-kaz ta' esproprju kif rajna, ic-cittadin m'ghandux dritt jostakola lill-Gvern u lanqas li jkun mismugh; id-drittijiet tac-cittadin huma marbuta mal-htiega li l-esproprjazzjoni verament tkun mehtiega ghal skop pubbliku, l-istess isir kif trid il-ligi u li jinghata kumpens adegwat (ara ukoll "Bugeja vs Kummissarju tal-Artijiet" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1996).

Altrimenti, ir-rikorrenti, taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, m'ghandux "dritt" li jkunu mismugha qabel ma' l-Gvern jisproprja l-proprjeta' taghhom, ghax dan hu dritt tal-Gvern li johrog mil-Ligi u li jigi ezercitat fil-mansjoni tieghu bhala awtorita' civili. Huma l-iskop u l-metodologija uzat fl-esproprju li huma kontestabbli, mhux id-dritt *ut sic* tal-esproprju.

Ir-rikorrenti, b'dawn il-proceduri, mhux qed jikkontestaw ir-regolarita' procedurali tal-esproprju, u lanqas f'dan l-

istadju, l-adeguatezza tal-kumpens offrut (ghalkemm gia' irriffjutaw il-kumpens offrut) izda l-iskop li ghalih sar l-esproprju u l-mod ta' kif sar.

Skond il-ligi, senjament, il-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju ta' l-Artijiet ma hu bl-ebda mod obbligat li jikkonsulta ruhu jew jaghti smigh lill-persuni interessati, inkluz is-sidien, qabel ivara l-procedura ta' esproprijazzjoni. Lanqas il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jirrikjedu dan, basta li l-process isir fl-interess pubbliku u s-sidien jinghataw kumpens gust.

Trattat issa l-iskop tal-esproprju in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-intimati irnexxielhom jissodisfaw dan l-oneru mixhut fuqhom, u wrew li l-interess pubbliku kien jiggustifika l-esproprju kontestat. Mill-provi jirrizulta li fl-1984, il-Gvern ta' dak iz-zmien, kien nieda politika ghall-protezzjoni tal-ambjent, u t-Town Planning Division tal-Ministeru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura kien hareg avviz lill-pubbliku biex min hu interessat japplika ghal areas li jkollhom bellezza naturali. Fil-fatt, fl-avviz, inghad li:

"The public is therefore being invited to identify features of the Maltese cultural and natural heritage, which it feels should be included in the Conservation and Preservation Plan".

Certu Anthony Camilleri li joqghod in-Nadur fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, tefa' suggeriment li tigi salvagwardata l-veduta pittoreska fin-naha tan-nofsinhar tan-Nadur. Ghall-habta tal-1985 gew xi membri tal-bord inkarigati mill-process, hadu xi ritratti tal-area indikata minn din il-persuna, u beda l-process. Infetah file bi pjanta li ggib in-numru LD 116/A/84.

Xi zmien wara, il-Gvern iddecieda li jwettaq il-progett u esproprja l-art b'dikjarazzjoni mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Gunju, 1991. Din l-art tmiss f'livell aktar baxx, mal-proprjeta' tar-rikorrenti. L-iskop ta' l-esproprju kien biex il-pubbliku in generali u t-turisti jkunu jistghu jgawdu l-veduta sabiha li, bla dubju, hemm mill-inhawi.

Din l-art esproprjata, li qabel kienet tal-Knisja tan-Nadur, giet irrangata fil-belvedere meritu ta' din il-kawza.

Ir-rikorrenti riedu jizviluppaw l-art taghhom li, kif inghad, tigi taht il-belvedere. L-applikazzjonijiet taghhom gew michuda mill-Awtorita' Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), peress li qiesu li s-sit ma kienx zviluppabbli u kienet green area; kienet area li tinsab go development zone, pero' fi "green area – no buildings".

B'hekk, il-permess ghall-izvilupp tal-belvedere seta' johrog, izda mhux ghall-bini. Apparti dan, ir-rikorrenti riedu jtellghu hajt divizorju li jifred l-art taghhom u l-art tal-Gvern, zviluppata f'belvedere, u wara li ma sarx ftehim fuq dan, fethu kawza fil-Qrati t'Ghawdex biex ikunu awtorizzati jtellghu il-hajt; fil-kontumacja tal-Kummissarju tal-Artijiet, il-Qorti awtorizzat it-tlugh tal-hajt sal-gholi indikat minnha.

Il-Gvern wera traskuragni kbira li ma kkontestax dik il-kawza, pero', meta ra li, bit-tlugh tal-hajt, kien se jigi ppregudikat, il-belvedere u l-iskop tal-esproprjazzjoni li saret fl-1991, ra x'ghamel biex "ikkorega" ghan-nuqqasijiet tieghu u jsalva l-progett, u hareg l-ordni tal-esproprju tal-2008. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-esproprju kien mehtieg fl-interess pubbliku, ghax darba sehhet l-esproprju tal-1991, u din la ma giet bl-ebda mod kontestata, saret definittivament ghal skop pubbliku, kien mehtieg li dak l-iskop jibqa' effettiv u biex isir dan kellha ssir l-esproprjazzjoni tal-2008. Ma hemm xejn hazin li, meta l-Gvern jara li progett mniedi zmien ilu, ikun se jkollu l-effetti tieghu sfrustrati, li jipprova jirrimedja ghall-istess. Il-Gvern jista' jirrimedja anke ghan-nuqqasijiet tieghu. Hekk, per ezempju jekk il-Gvern jesproprja art b'titolu ta' uzu u joffri kera baxxa, liema esproprju jigi dikjarat li jkun jikser id-drittijiet fundamentali tas-sid, il-Gvern ma jaghmel xejn hazin jekk jittenta jesproprja l-istess proprjeta' b'titolu ta' dominju pubbliku u joffri kumpens akbar – dejjem jekk l-iskop ikun wiehed ta' interess generali. Fi kliem iehor, ma hemm xejn kontra li l-Gvern jipprova jaghmel tajjeb ghan-nuqqas riskantrat mill-Qrati ta' dawn il-gzejjer (ara bhala rifless fuq dan, is-sentenza "Gera de Petri Testaferrata

Bonnici Ghaxaq vs Kummissarju tal-Artijiet", moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Mejju 2007).

F'dan il-kaz, il-Gvern sab ruhu f'sitwazzjoni fejn intwera li l-esproprjazzjoni li saret fl-1991 ma kinitx bizzejjed biex twassal ghall-iskop taghha, ghax billi kien ha art tal-knisja u mhux tar-rikorrenti adjacenti, sab li bil-hajt li riedu jtellghu r-rikorrenti fuq il-konfini, il-progett se jisfuma fix-xejn, ghax tigi ostakolata l-veduta li l-Gvern ried jipprotegi bl-esproprju li sar fl-1991. Hu veru li kieku l-Gvern ippartecipa b'mod attiv fil-kawza li fethu r-rikorrenti biex jinbena l-hajt divizorju, is-sitwazzjoni prezenti, forsi kienet tigi evitata (inghad "forsi" ghax bi dritt civili, kull proprjetarju ghandu dritt li jtella' hajt fuq il-konfini sa gholi li tistabbilixxi l-ligi, u kontestazzjoni mill-intimat f'dan il-kaz mhux necessarjament kienet twassal ghall-konkluzjoni differenti), pero' jibqa' l-fatt li la darba fl-1991 kienet saret esproprjazzjoni ghal skop pubbliku, fl-2008 kien mehtieg esproprju iehor ghall-istess skop pubbliku li kien jezisti fl-1991 u li baqa' mhux kontestat. Biex jinholoq belvedere fl-interess generali hu certament progett fl-interess pubbliku u biex dan il-progett jibqa' effettiv u gawdut, ghandu, ghalhekk jitqies agir fl-interess pubbliku.

Hu veru li, bil-progett, ir-residenti fit-triq li tmiss mal-belvedere sejrin, forsi, igawdu aktar minn kulhadd peress li d-djar taghhom se jkunu maghmra b'veduta sabiha, pero', dan ma jeskludix l-iskop pubbliku jekk jirrizulta interess generali fit-twettiq ta' dak il-progett. La darba mill-esproprijazzjoni se jgawdi l-poplu Malti u Ghawdxi kollu b'mod generali, l-iskop jibqa' wiehed accettat, avolja jista' jkun hemm xi individwi li jistghu jgawdu aktar mill-ohrajn mit-twettiq ta' l-istess progett. It-tehid tal-art f'dan il-kaz ma saritx biex takkomoda l-interessi purament personali ta' terzi privati, izda bl-iskop li ghandu x'jaqsam ma jew jiswa' ghall-interess jew qadi tal-pubbliku. Inoltre, kif inghad, l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-2008 kien biex jibqa' fis-sehh l-iskop tal-esproprijazzjoni li saret fl-1991, u din l-ahhar esproprijazzjoni u l-iskop tieghu qatt ma gew kontestati.

Ghar-rigward tal-ilment dwar diskriminazzjoni, bazata fuq il-fehmiet politici tar-rikorrenti, din il-Qorti ssib li dan l-ilment ukoll mhux gustifikat. Kif inghad, il-progett kellu l-bidu tieghu fl-1984 meta f'Malta kien hemm Gvern Laburista, u tkompla u gie fi tmiemu taht Gvern Nazzjonalista. L-ewwel esproprijazzjoni saret fl-1991, meta l-Prim Ministru ta' Malta kien Dr. Eddie Fenech Adami u President Dr. Vincent Tabone; dawn bdew jaghtu effett legali lill-iskema li kienet inbdiet fl-1984, meta l-Prim Ministru ta' Malta kien Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u f'kull kaz ma jidhirx li kien hemm motivazzjonijiet politici partiggjani wara l-hsibijiet taz-zewg Gvernijiet li, milli jirrizulta, kienu motivati biss b'interess ambjentali. Ma kien hemm ebda oppozizzjoni ghall-progett f'dawk iz-zminijiet, u dak li sehh fl-2008 kien biss kontinwazzjoni ta' dak li sehh qabel. Veru li din l-ahhar esproprjazzjoni saret meta l-Onor. Giovanna Debono, Ministru ghal Ghawdex, kienet qed iservi ta' agent Prim Ministru u gawdew minnha residenti li l-aktar li jappoggja huwa l-partit li din timmilita fih, pero' ma jirrizultax li l-esproprju sar minhabba l-intervent taghha.

Mhux eskluz, anzi hu probabbli li r-residenti tal-lokal li kienu ta' fehma politika bhal tal-Ministru Debono, meta raw l-insistenza tar-rikorrenti biex itellghu l-hajt, kelmuha jew ghaddewlha xi kummenti dwar x'kien qed jigri, pero', ma jirrizultax li hi interveniet fil-materja jew tat xi ordnijiet biex jigu agevolati l-kostitwenti taghha. Gie ppruvat li d-decizjoni ghall-esproprjazzjoni hadha s-Sur Albert Mamo, li jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Artijiet, wara li ddiskuta l-materja ma' avukati fl-ufficcju tal-Avukat Generali, u dan ha dik id-decizjoni biex jissalvagwardja l-belvedere u mhux ghax qaltlu xi haga l-Onor. Ministru Debono.

Fil-fatt, irrizulta li d-decizjoni ghall-esproprjazzjoni ttiehdet fl-14 ta' Marzu, 2008, waqt laqgha fl-ufficcju tal-Avukat Generali li attendew ghaliha, l-imsemmi Albert Mamo, Dr. Peter Grech u Dr. Hubert Theuma, avukat anzjan u avukat rispettivament fl-ufficcju tal-Avukat Generali, u ma tirrizulta ebda pressjoni jew ordni politika fir-rigward. Darba li ttiehdet din id-decizjoni, il-Ministru ghal Ghawdex

gie infurmat u mitlub jiehu l-passi sabiex issir l-esproprjazzjoni. Din imbaghad saret meta l-Onor. Giovanna Debono kienet agent Prim Ministru, izda ma saritx minhabba fiha jew wara pressjoni taghha.

Ma giex muri li r-rikorrenti gew trattati b'xi mod diskriminatorju. Ma giex muri li, f'sitwazzjonijiet simili, l-awtoritajiet imxew b'mod differenti maghhom milli mxew ma' ohrajn. Ma' giex muri, lanqas, li sar dak li sar minhabba t-twemmin politiku tar-rikorrenti u/jew tar-residenti tat-triq adjacenti l-belvedere, u, minn dak li jirrizulta, jidher li l-hsieb kien dejjem motivat b'interessi ambjentali. L-esproprju tal-2008 ma kellu ebda hsieb ulterjuri hlief li jipprotegi l-esproprju li kien sar fl-1991, u kif gia inghad, ghalkemm setghu gawdew b'mod dirett xi sezzjoni ta' nies partikolari, l-esproprjazzjoni ma saritx minhabba fihom, izda fl-interess generali biex tibqa' gawduta l-veduta in kwistjoni. Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randan et vs Kummissarju tal-Artijiet et", deciza fl-10 ta' Lulju, 2009, u b'referenza ghall-gurisprudenza anterjuri.

"*Mhux eskluz li proprjeta' tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita' partikolari fil-kuntest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok, per ezempju ghall-espansjoni futura ta' l-istess progett*".

L-interess huwa privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini, ta' l-universalita' tal-pubbliku fl-istat. Fil-kaz taht l-ezami, l-esproprjazzjoni, anke bil-mod li saret u meta saret, manifestament kellha applikazzjoni ta' beneficcju ghall-kollettivita'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet kontenuti fir-rikors tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------